# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 10 ta' Ottubru, 2019**

**Kawża Nru. 60**

**Rik. Nru. 699/14JRM**

Maurice **ĊINI** u martu Rita Ċini, bħala mandatarji ta' l-imsiefer binhom Peter Ċini, u b'degriet tad-19 ta' Novembru, 2014, Peter Ċini assuma l-atti tal-kawża

vs

**MKIC LIMITED** (C – 56106) u Josef Żammit, jew min minnhom

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta' Awwissu, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi fil-kwalità msemmija, talbu li din il-Qorti ssib (i) li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għad-danni mġarrba mill-attur Peter Ċini b'riżultat ta' inċident li seħħ nhar it-8 ta' Awwissu, 2012, ġewwa Montekristo Estates, f'Ħal Farruġ, limiti ta' Ħal Luqa, meta ndarab b'daqqa ta' xabla mill-imħarrek Josef Żammit; (ii) tillikwida d-danni mġarrba minnu f'dak l-inċident, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan u (iii)

tikkundannahom, jew lil min minnhom, biex iħallsuhom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet skond il-liġi;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Awwissu, 2014[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Josef Żammit fl-4 ta' Settembru, 2014, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, ċaħad li huwa l-leġittimu kontradittur. Fil-mertu, qal li l-kumpannija mħarrka ħarrġithom kif imiss u tathom ħwejjeġ xierqa li kellhom jintużaw u jintlibsu minn min ħa sehem waqt l-attività jew l-ispettaklu. Illi huwa mexa mal-istruzzjonijiet mogħtija lilu mill-kumpannija mħarrka, u għaldaqstant jiċħad li huwa responsabbli għall-inċident. Jgħid ukoll li l-kumpannija mħarrka kellha tassigura lill-impjegati tagħha biex tagħmel tajjeb għal danni li setgħu ġew imġarrba. Temm jgħid li, f'kull każ, l-inċident li fih indarab l-attur kien wieħed ta' "*quasi casus*" li joħroġ min-natura nnifisha tal-ispettaklu mertu tal-każ;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fis-16 ta' Settembru, 2014, li biha ċaħdet kull responsabbilità għall-inċident, u tgħid li l-inċident kien dovut għal nuqqas min-naħa ta' l-attur innifsu. Hija tikkontesta l-perċentwali ta' diżabilità li l-attur jgħid li sofra u titlob li jitressqu l-aħjar provi għat-telf li l-attur jgħid li ġarrab b'riżultat ta' dan l-inċident;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2015[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2016[3], li bih il-Qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tat-13 ta' Jannar, 2017[4] imressqa mill-attur;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija mħarrka MKIC Limited tas-17 ta' Marzu, 2017[5], bi tweġiba għal dik ta' l-attur;

---

[1] Pap. 19 tal-proċess
[2] Paġ. 60 tal-proċess
[3] Paġ. 272 tal-proċess
[4] Paġġ. 274 sa 285 tal-proċess
[5] Paġġ. 289-295 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek Josef Żammit tal-5 ta' April, 2017[6], bi tweġiba għal dik ta' l-attur;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-egħluq mill-avukati tal-partijiet[7];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat*:**

Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol. L-attur kien impjegat fuq bażi "*part-time*" mal-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "MKIC") bħala attur. Xogħlu kien li jieħu sehem fi spettaklu ta' ġrajja storika ("*re-enactment*") li kien jittella' fi stabbiliment kummerċjali u li għalih jattendi l-pubbliku. L-attur jgħid li, waqt spettaklu minnhom, indarab wara li ntlaqat b'xabla li kellu f'idu l-imħarrek l-ieħor Żammit. Bid-daqqa, huwa ġarrab ġrieħi f'sebgħu l-werrej ta' idu x-xellugija u, minkejja intervent kirurġiku li sarlu fuqu, baqa' ma fieqx għal kollox. Huwa jgħid li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għal dak li ġaralu u jrid li l-Qorti ssib min kien jaħti u li tillikwida d-danni li ġarrab fl-imsemmi inċident u tikkundanna lil min jaħti biex jikkumpensah;

Illi għal din l-azzjoni, MKIC laqgħet billi ċaħdet kull responsabbilità għall-inċident, u tgħid li l-inċident kien dovut għal nuqqas min-naħa ta' l-attur innifsu. Hija tikkontesta l-perċentwali ta' diżabilità li l-attur jgħid li sofra u titlob li jitressqu l-aħjar provi għat-telf li l-attur jgħid li ġarrab b'riżultat ta' dan l-inċident;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek Żammit laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, ċaħad li huwa l-leġittimu kontradittur. Fil-mertu, qal li MKIC ħarrġithom kif imiss u tathom ħwejjeġ xierqa li kellhom jintużaw u jintlibsu minn min ħa sehem waqt l-attività jew l-ispettaklu. Qal li huwa mexa mal-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn MKIC waqt it-taħriġ li ngħata, u għaldaqstant ċaħad li huwa kien jaħti b'xi mod għall-inċident. Qal ukoll li MKIC kellha tassigura lill-impjegati tagħha biex tagħmel tajjeb għal danni li setgħu ġew imġarrba. Temm jgħid li, f'kull każ, l-inċident li fih indarab l-attur

[6] Paġġ. 298-301 tal-proċess
[7] Paġ. 304 tal-proċess

kien wieħed ta' "*quasi casus*" li joħroġ min-natura nnifisha tal-ispettaklu mertu tal-każ;

Illi bħala fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur kien tqabbad minn MKIC b'ingaġġ magħha f'impieg '*part time*' bħala attur fi spettaklu li jittella' darba fil-ġimgħa bl-isem ta' "*Malta Knights Show*" u li jirrakkonta l-ġrajja storika tal-Assedju l-Kbir. Kellu l-irwol ta' karattru ewlieni Tork (kemm hu hekk kien jissejjaħ "*Turkish first officer*") u l-ispettaklu kien ikollu xeni ta' taqbid u ġlied bl-armi. MKIC kienet tipprovdi l-kostum u l-armi lil dawk li jieħdu sehem fl-ispettaklu. L-ingaġġ tal-attur kien regolat b'kuntratt għal żmien indefinit u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftehma[8];

Illi l-attur indarab f'sebgħu l-werrej ta' idu x-xellugija b'daqqa ta' xabla[9] miżmuma minn attur ieħor – l-imħarrek Josef Żammit – lejn l-aħħar ta' spettaklu li ttella' fit-8 ta' Awwissu, 2012, għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (21.30). Meta ġara l-inċident, l-attur kellu għoxrin (20) sena u l-attur jgħid li kien ilu mat-tliet (3) snin jagħmel dan ix-xogħol[10] u wara l-inċident reġa' kompla b'dak ix-xogħol għal madwar sena oħra qabel ħalla f'Lulju tal-2014[11]. Fiż-żmien li qabel seħħ l-inċident, l-attur kien student fl-IMCAST. L-attur huwa impjegat mal-partikular fil-qasam tal-biedja u l-apikoltura;

Illi dakinhar tal-inċident, l-attur ittieħed fil-poliklinika ta' Raħal Ġdid minn wieħed minn sħabu wara li sebgħu ddewwielu minn uffiċjal ta' KMIC fuq il-post. Minn eżami li sarlu fil-poliklinika[12], ħareġ ċar li ma kienx ta' jdejn it-tobba ta' hemmhekk u ntbagħat dak il-lejl stess fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar *Mater Dei*. Jumejn wara, saritlu operazzjoni f'sebgħu il-midrub[13];

Illi mill-provi ħareġ li l-attur kien ingħata taħriġ minn MKIC matul iż-żmien li kiien ingaġġat magħha. Fil-każ tal-imħarek Żammit, hujġġid li dakinhar tal-inċident kienet it-tielet darba tiegħu li kien qiegħed jaħdem fl-ispettaklu u sa dakinhar ma kien laħaq ingħata l-ebda taħriġ minn MKIC[14]. Madankollu, hu kien jaħdem ukoll ma' kumpannija oħra tal-ispettaklu li magħha kien juża x-xabla u kien tħarreġ għal żmien fuq l-użu tagħha[15];

Illi jirriżulta li MKIC kienet tipprovdi kemm l-ilbies kif ukoll l-apparat li l-impjegati tagħha kellhom jilbsu u joħorġu bih skond il-karattru li

---

[8] Dok "PC1", f'paġġ. 7 – 8 tal-proċess
[9] Xbiha tagħha f'Dokti "JZ" u "JZ1" f'paġġ. 244 u 249 tal-proċess
[10] Ara affidavit ta' l-attur f'paġ. 37 tal-proċess
[11] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 203 tal-proċess
[12] Ara Dok "RC", f'paġġ. 127 *et seq* tal-proċess
[13] Dok "PC3", f'paġġ. 15 – 6 tal-proċess
[14] Xhieda tiegħu f'paġ. 237 tal-proċess
[15] *Ibid.* f'paġ. 241 tal-proċes

kienu qed jirrappreżentaw waqt l-attività[16]. Dak inhar ta' l-inċident, l-attur ma kienx liebes l-ingwanti pprovduti lilu minn MKIC, filwaqt li l-imħarrek Żammit ma użax ix-xabla provduta lilu minn MKIC iżda uża xabla li ġab miegħu mid-dar. Kemm l-attur[17] kif ukoll l-imħarrek Żammit[18] jiġġustifikaw dawn iċ-ċirkostanzi billi jgħidu li l-ingwanti u x-xabla pprovduta lilhom minn MKIC ma kinux adattati. L-imħarrek jgħid li x-xabla tiegħu kien jużaha wara li ngħata permess mill-*health and safety officer* ta' MKIC stess[19] L-attur jgħid li kien ilmenta dwar dan ma' MKIC[20], filwaqt li l-imħarrek Żammit jgħid li hu kien urihom ix-xabla li ġab mid-dar u qalulu li seta' jużaha waqt l-attività għaliex kienet tixbah dik li tipprovdi l-kumpannija[21];

Illi mpjegati ta' MKIC xehdu jgħidu li l-kumpannija kienet tisħaq fuq is-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq il-post tax-xogħol[22]. L-ispettaklu kien, fih innifsu, jinvolvi periklu għaliex biċċa sewwa minnu kienet tikkonsisti f'xeni ta' ġlied u taqbid b'użu ta' armi veri u l-impjegati kienu jafu dan[23]. MKIC kienet tipprovdi lill-atturi b'ingwanti ħoxnin tal-ġilda. Il-ħwejjeġ kienu jinħaslu wara kull spettaklu, filwaqt li l-ingwanti kienu jinħaslu kull xahar minħabba li kienu tal-ġilda[24];

Illi jirriżulta illi filwaqt li l-attur kien attenda għal taħriġ mill-kumpannija mħarrka[25], l-imħarrek Żammit ma kienx rċieva l-istess taħriġ qabel l-inċident, għalkemm kellu esperjenza f'dan il-kamp billi laħaq ipparteċipa f'attivitatjiet simili[26];

Illi f'Marzu tal-2014 l-attur għamel eżami mediku għand kirurgu ortopediku tal-għażla tiegħu li ħariġlu ċertifikat li juri li kien ġarrab f'sebgħu debilità li ma tfieqx fil-grad ta' sitta fil-mija (6%)[27];

Illi fis-6 ta' Awwissu, 2014, infetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel <u>il-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ. Il-Qorti trid tistħarreġ dwar min kien ħati tal-inċident li fih korra l-attur u dan fid-dawl tal-eċċezzjoni mressqin mill-imħarrkin li t-tnejn li huma jiċħdu xi sura ta' ħtija għal dak li ġaralu l-attur. Iżda qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti trid tistħarreġ **l-ewwel eċċezzjoni**

[16] Ara x-xhieda ta' Ivan Azzopardi f'paġ. 212 tal-proċess
[17] Ara x-xhieda ta' l-attur fil-kontro-eżami f'paġ. 203 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda tal-imħarrek Żammit f'paġ. 240 tal-proċess
[19] Xhieda tiegħu f'paġ. 241 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda tal-attur fil-kontro-eżami f'paġ. 203 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda tal-imħarrek Żammit f'paġ. 241 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda ta' Monique Cauchi f'paġ. 220 tal-proċess
[23] Ara x-xhieda ta' Brian Bonniċi f'paġġ. 84 u 100 tal-proċess
[24] Ara x-xhieda ta' Monique Cauchi f'paġ. 221 tal-proċess, u ta' Margaret Borġ f'paġ. 226 u 228 tal-proċess;
[25] Ara x-xhieda ta' Rosario Scerri f'paġ. 81 tal-proċess u ta' Brian Bonniċi f'paġ. 92 tal-proċess
[26] Ara x-xhieda ta' Josef Zammit f'paġ. 237 u 241 tal-proċess
[27] Ara Dok. "PC4" f'papp. 17 – 8 tal-proċess

**preliminari** mressqa mill-imħarrek Żammit li tgħid li hu mhux il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi;

Illi xieraq jingħad mill-bidu nett illi din l-eċċezzjoni tqajmet biss bħala eċċezzjoni fir-Risposta Maħlufa u ma sar ebda aċċenn ieħor għaliha fi stadju ieħor tal-kawża, lanqas fin-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa minnu. L-imħarrek ma jġib 'l quddiem ebda raġuni biex isaħħaħ din id-difiża tiegħu;

Illi huwa minnhu li kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn l-attur u MKIC u li l-inċident seħħ waqt li l-attur kien qiegħed fuq xogħlu. Min-naħa l-oħra, ma hemmx dubju li l-imħarrek Żammit kellu wkoll rwol ewlieni f'dak li ġara fil-jum tal-inċident. Huwa kien il-persuna li darbet lill-attur waqt attività li t-tnejn li huma kienu mdaħħlin fiha u l-azzjoni attriċi mhijiex biss imsejsa fuq il-ħtija kuntrattwali, imma wkoll fuq dik akwiljana;

Illi l-liġi tgħallem li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu[28], u jitqies fi ħtija kull minn fl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[29]. Fil-fehma tal-Qorti, jidher illi mad-daqqa t'għajn, l-imħarrek Żammit ma jista' jiġġustifika bl-ebda mod li tħarrek għal xejn jew li ma messux tħarrek. Dan iżda ma jfissirx li bil-fatt li huwa mħarrek b'daqshekk għandu jġorr il-ħtija għal dak li ġara. Kif ġie ben tajjeb stabbilit mill-Qrati tagħna, id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur ma tfissirx li l-Qorti ma tistax, fil-kunsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-imħarrek – dikjarat *prima facie* leġittimu kontradittur – kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox barrani għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata[30];

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti għaldaqstant sejra tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Żammit billi mhix mistħoqqa u tgħid li għandu jibqa' fil-kawża;

Illi jmiss issa li l-Qorti tqis il-**mertu tat-talbiet attriċi.** Bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma' dak li għadda minn għalih l-attur. B'dan il-mod, tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih;

[28] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[29] Art. 1032(2) tal-Kap 16
[30] App. Civ. **5.10.2001**, fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et***

Illi huwa l-obbligu ta' l-attur li jġib provi tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu u l-korriment waħdu marbut max-xogħol li kien qiegħed jagħmel dak il-ħin ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddmu. It-teżi waħdanija tal-attur hija li korra waqt li kien qiegħed jaħdem, waqt li kien qed jagħmel dak li tqabbad jagħmel, filwaqt li MKIC naqset mill-obbligi tagħha, dik li tipprovdi tagħmir xieraq li jbiegħed minnu l-periklu fit-twettiq ta' xogħlu u li tħarreġ kif imiss lill-imħarrek Żammit. Min-naħa l-oħra, l-attur jixli lill-imħarrek Żammit bi traskuraġni billi għamel użu minn arma li ma kinetx provduta minn MKIC;

Illi MKIC tiddefendi l-każ tagħha fuq żewġ difiżi: l-ewwel waħda fejn tgħid li għamlet dak kollu mistenni minnha fir-rigward ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u fit-tieni lok, fejn tgħid li ma taħti xejn għal dak li seta' ġara lill-attur billi kien l-attur u jew l-imħarrek Żammit li naqsu mill-użu tal-prudenza waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

Illi l-imħarrek Żammit, min-naħa l-oħra, filwaqt li jiċħad kull responsabbilità, jitfa' l-ħtija fuq l-attur u jgħid li l-gwaj ġabu b'idejh stess meta naqas li jilbes l-ingwanti provduti lilu minn MKIC u wkoll meta jgħid li l-istess attur tabilfors kien qiegħed iżomm ħażin l-arma li kellu f'idejh għaliex kieku l-inċident ma kien jista' jseħħ qatt billi sebgħu l-werrej (dak li ndarab) kien ikun milqugħ bil-manku tal-arma nnifisha;

Illi fid-dawl ta' dawn il-pożizzjonijiet meħuda mill-partijiet u taċ-ċirkostanzi partikolari li jsawru l-każ, il-Qorti sejra tibda billi tistħarreġ **il-kwestjoni tar-responsabbiltà** għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur;

Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabbiltà għall-għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[31]. B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għall-aġir tal-ħaddiem tiegħu[32], sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien

[31] Art. 1031 tal-Kap 16
[32] Art. 1037 tal-Kap 16

minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta’ responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa’ fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f’dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa’ fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[33] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta’ tagħrif meħtieġ, l-għoti ta’ tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta’ tal-ħaddiem[34];

Illi huwa stabbilit li dan id-dmir ta’ min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta’ aljenazzjoni jew traskuraġni[35]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta’ żmien bla ma qatt ikun inqala’ xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[36];

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta’ responsabbiltà fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta’ tiegħu nnifsu u ta’ dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[37], u b’mod partikolari, għandu jimxi id f’id ma’ min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[38] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f’sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn[39] u li joqgħod f’kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[40]. B’mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u ’l dawk ta’ madwaru[41];

Illi dan kollu juri li r-responsabbiltà tal-imgħallem mhijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ “*strict liability*”). Għalkemm hija responsabbiltà li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta’ missier tajjeb tal-familja[42], ma titlobx grad ogħla ta’ responsabbilta’, u tista’ saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m’għandux jagħmel[43];

---

[33] Art. 6(2) tal-Kap 424
[34] Art. 6(3) tal-Kap 424
[35] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[36] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)
[37] Art. 7(1) tal-Kap 424
[38] Art. 7(2) tal-Kap 424
[39] Reg. 15 tal-A.L. 36 tal-2003 (L.S. 424.18)
[40] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd***
[41] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[42] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[43] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.*** u P.A. SM **4.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Malcolm James Carter vs CC Carparks p.l.c.*** (mhix appellata)

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol[44], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

Illi mhux kontestat illi l-attur kien qed jagħmel dak li ġie mqabbad li jagħmel, jiġifieri dak li jinterpreta personaġġ waqt attività ta' *re-enactment.* Tant hu hekk li l-inċident seħħ waqt 'ġlieda' li l-attur kellu ma' personaġġ ieħor, interpretat mill-imħarrek Żammit, bl-użu tax-xwabel u ximitarri;

Illi t-talbiet attriċi huma marbuta mal-argument li l-attur ma kienx mgħarraf minn qabel li kien ser 'jiġġieled' mal-imħarrek Żammit f'dik il-lejla, kif ukoll li qabel il-jum tal-inċident, MKIC kienet naqset li tipprovdi taħriġ lill-istess imħarrek. Min-naħa l-oħra, MKIC tmieri dan kollu u tgħid li l-imħarrek Żammit kellu l-esperjenza f'dan il-qasam billi kien għamel żmien impjegat ma' kumpannija oħra li tipprvodi attività tixbah lil dik tagħha u li kien imrawwem sewwa fl-użu tal-armi għal żmien twil (waħda mir-raġunijiet li jagħti Brian Bonniċi ta' MKIC għaliex ingaġġaw lill-imħarrk Żammit kienet sewwasew li hu kien midħla tal-armi u kif jużahom). MKIC iżżid tixli lill-attur u lill-imħarrek Żammit li naqsu mill-użu tal-prudenza waqt il-qadi ta' dmirijiethom. L-imħarrek Żammit, min-naħa l-oħra, jgħid li l-attur ġab il-gwaj b'idejh stess meta naqas li jilbes l-ingwanti pprovduti lilu minn MKIC;

Illi mill-provi mressqa u mill-kunsiderazzjonjiet fuq imsemmija, il-Qorti tasal għall-fehma li, filwaqt li MKIC ipprovdiet it-tagħmir kollu meħtieġ, anke jekk fi kliem l-attur u l-imħarrek Żammit, ma kinux ta' l-ogħla kwalità u jmaqdruh f'diversi aspetti tiegħu, hija naqset li tagħmel dik is-sorveljanza meħtieġa biex tassigura li l-impjegati tagħha jinżammu 'l bogħod mill-periklu. Dan jingħad l-aktar fid-dawl tal-periklu li l-ispettaklu nnifsu kien jesponi għalih lil dawk involuti[45]. Fil-fatt, jirriżulta li l-attur mhux l-ewwel darba li ħareġ jagħmel ir-reċta tiegħu mingħajr ma libes l-ingwanti li tagħtih MKIC u l-imħarrek Żammit tħalla, aktar minn darba waħda, jagħmel użu ta' xabla li kienet ftit itwal minn dik li kienet tipprovdi MKIC. Jirriżulta wkoll li MKIC bdiet tħarreġ lill-imħarrek Żammit biss wara dan l-inċident;

Illi dwar l-imħarrek Żammit, il-Qorti ma tistax twarrab għal kollox minn fuqu sehem ta' ħtija għal dak li ġaralu l-attur. Din il-ħtija mhijiex marbuta mal-mod kif ġab ruħu dak il-ħin, billi la l-attur u lanqas MKIC ma wrew li huwa kien qiegħed ixejjer ix-xabla tiegħu b'mod traskurat, bl-addoċċ jew bil-ħsieb li jidrob lill-attur. Il-ħtija li tara l-Qorti ġejja mill-fatt li hu webbes rasu li jinqeda

---

[44] App Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs. Dr Gerald Montanaro Gauċi noe***
[45] Ara P.A. GCD **22.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żammit vs M.K. Leisure Ltd.*** (mhix appellata)

b'arma tiegħu u mhux b'waħda minn dawk li MKIC tforni bihom lill-impjegati tagħha. MKIC ressqet provi li juru li l-imħarrek Żammit baqa' jinjora l-ordnijiet ta' MKIC biex ma jibqax iġib miegħu l-arma tiegħu imma juża minn fost l-armi tagħha. Biex jingħad kollox, dan ma jfissirx li l-armi li kienet tforni MKIC kienu ta' periklu anqas jew li kieku l-imħarrek laqtu b'waħda minnhom l-attur ma kienx ikorri: imma l-punt ewlieni jibqa' li kien l-imħarrek li laqat u darab lill-attur u li dan għamlu b'arma li MKIC tgħid li ma riditux juża u ma kinitx arma li ipprovdiet hi. Għal dan, l-imħarrek irid jerfa' parti mill-ħtija;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tasal għal fehma li dan l-inċident seta' faċilment ġie evitat kemm-il darba kull waħda mill-partijiet għamlet dak li kien mistenni minnha li tagħmel. Il-fatt li l-ingwanti li kellha MKIC setgħu ma kinux indaf biżżejjed għall-gosti tal-attur ma kienx jiġġustifikah jieħu riskju għal saħħtu billi ma jilbes l-ebda ingwanti. Min-naħa l-oħra, jekk ix-ximitarra li kellu f'idu l-attur ma kinitx f'kundizzjoni tajba li kellu jaħfinha mill-manku b'mod li jikxef idu għad-daqqiet tal-'avversarju', kien jaqa' fuq l-attur dmir ogħla li ma jiħux riskju u jilbes ingwanti li jilqgħu għal dawk id-daqqiet;

Illi b'dan il-mod, l-attur qiegħed lilu nnifsu f'qagħda li fetħitu għall-periklu tal-korriment. Huwa aċċettat li, fil-qasam tad-dritt dwar il-ħtija u d-danni, ukoll jekk f'qafas kuntrattwali bħalma huwa l-kuntratt tal-impieg, jekk il-parti mġarrba tkun għażlet minn rajha li tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu, ma tistax, imbagħad, titlob il-kumpens għal dak li jista' jiġrilha minħabba dak l-istess periklu (ir-regola li "*volenti non fit iniuria*")[46];

Illi huwa magħruf ukoll li persuna, minkejja li ma tkunx għal kollox ikkawżat il-periklu, tista' madankollu tkun tat sehem biex dan iseħħ. F'każ bħal dan, dak is-sehem jew kontributorjetà jnaqqas, xi ftit jew għal kollox, mill-ħtija tal-persuna li tkun tat lok għall-ġrajja li ġabet il-ħsara[47];

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li biex tkun tgħodd dik ir-regola, irid jintwera li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja; u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih[48]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għemil tal-parti l-oħra[49]. L-aspett tal-volontarjetà f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba

---

[46] Ara App. Ċiv. **28.4.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. et***

[47] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Josef Farruġia vs Christopher Carabott et***; u App. Ċiv. **28.2.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Azzopardi vs Andrew Bird***

[48] Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)

[49] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)

huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor[50];

Illi, b'żieda mal-prinċipju tal-liġi li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab[51]. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li kkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet[52]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[53], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[54]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[55]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li, minbarra l-ħtija tal-imħarrkin, l-attur kellu sehem ukoll f'dak li ġralu u dan bil-konsegwenzi legali li din iċ-ċirkostanza ġġib magħha[56]

Illi wara li saru dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tasal għall-fehma li kull waħda mill-partijiet fil-kawża għandha sehem mill-ħtija ta' dak li ġara;

Illi jmiss li l-Qorti tqis **jekk il-ħtija li ġiet attribwita lil kull waħda mill-partijiet kellhiex rabta mad-dannu attwalment mġarrab mill-attur,** għaliex minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li kkaġunat id-dannu attwalment mġarrab[57];

---

[50] P.A. GCD **7.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta*** (mhix appellata)
[51] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix pubblikata)
[52] Art. 1051 tal-Kap 16
[53] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)
[54] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***
[55] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***
[56] Art. 1051 tal-Kap 16
[57] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhux ppublikata)

Illi l-Qorti għandha quddiemha opinjoni ta' espert mediku *ex parte* li jorbot il-ġrieħi fis-suba' l-werrej tal-id ix-xellugija tal-attur mal-inċident mertu tal-każ u dan waqt li l-attur kien fuq il-post tax-xogħol[58]. Fil-konkluzzjonijiet tiegħu, l-espert jislet id-diffikultajiet illi l-attur kien mistenni li jħabbat wiċċu magħhom fil-ġejjieni, u li ġġustifikaw il-perċentwali ta' debilità ta' sitta fil-mija (6%) fl-attur;

Illi l-Qorti tqis ukoll illi l-ebda waħda mill-partijiet ma talbet li jitqabbad perit tekniku indipendenti maħtur mill-Qorti. Dan iwassal lill-Qorti għall-fehma illi mhux qed jikkontestaw is-sejbiet tal-espert mediku *ex parte*;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom lanqas jidher li l-imħarrkin jikkontestaw li l-attur indarab mill-imħarrek Żammit jew li l-attur mhux minnu jġorr id-debilità li ġabitlu magħha id-daqqa. L-imħarrek Żammit iressaq l-argument li l-attur kien ilmenta li kien indarab xi darba oħra qabel ftit taż-żmien qabel l-inċident mertu tal-każ u li b'hekk seta' kien li d-debilità li jġorr illum kienet l-effett ta' meta ndarab qabel. Imma l-Qorti ma tistax toqgħod fuq din is-sottomissjoni għaliex ma hijiex ippruvata kif imiss;

Illi l-Qorti jidhrilha għalhekk, li filwaqt li l-attur għandu jerfa' kwart ($^1/_4$) mill-ħtija ta' dak li ġralu, l-imħarrek Żammit irid jerfa' kwart ($^1/_4$) mill-ħtija wkoll u MKIC terfa' l-bqija tan-nofs ($^1/_2$) tal-istess ħtija;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tal-kumpens** li jistħoqqlu jiġbor l-attur, jibda biex jingħad li mill-provi mressqa, l-attur qiegħed jitlob kumpens għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*). L-attur jidher li qed jorbot il-pretensjoni tiegħu mal-fatt li l-uġigħ u l-limitazzjonijiet li hu għadu jġorr f'idu x-xellugija qed ifixkluh milli jagħmel xogħlu jew minħabba li 'l quddiem se jkollu jagħmel interventi kirurġiċi oħra;

Illi biex il-Qorti tasal għall-kumpens xieraq ta' *lucrum cessans* trid tqis it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata minn dakinhar ta' l-inċident sallum, u dak li se jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;

Illi l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[59];

[58] Dok. "PC4" f'paġġ. 17 – 8
[59] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhux pubblikata)

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, it-telf ta' qligħ fil-ġejjieni jrid jiġi mistħarreġ fil-kuntest li l-attur huwa żagħżugħ, u meta seħħ l-inċident kien jaħdem '*part-time*', kien għadu jistudja u kien għad kellu għoxrin (20) sena. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' MKIC li l-kejl irid jitqies fuq kemm kien id-dħul tal-attur dakinhar tal-inċident[60] u li f'każ ta' ħaddiem ingaġġat fuq bażi ta' '*part time*' il-kejl jintrabat mal-paga minima[61]. Il-Qorti għaldaqstant sejra tibbaża l-kalkolu tagħha fuq dħul imqabbel mal-paga minima. Din kienet titla' għal mija tmienja u ħamsin il-ewro u ħdax il-ċentezmju (€158.11) fil-ġimgħa[62], jew tmint elef mitejn wieħed u għoxrin ewro u tnejn u sebgħin ċentezmu (€8,221.72) fis-sena. Minħabba li minn żmien għal żmien ikun hemm żidiet fil-paga minima u biex tqis ukoll aspetti ta' inflazzjoni, il-Qorti sejra tikkalkula fuq moltiplikand ta' ħdax-il elf u seba' mitt ewro (€ 11,700);

Illi tidħol hawnhekk ukoll kunsiderazzjoni tal-kejl tal-*multiplier* li għandu jintuża biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl ta' *multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[63]. Il-Qorti għaldaqstant sejra tadotta multiplier ta' tlieta u tletin (33) sena;

Illi għal dak li jirrigward t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*"), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[64]. F'dan il-każ l-attur fetaħ il-kawża sentejn wara li ġara l-inċident, u għaldaqstant il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddna li mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza[65]. Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' sitta fil-mija (6%) mis-somma ta' danni likwidata;

Illi ġaladarba l-Qorti sejra toqgħod fuq il-fehma tal-espert mediku *ex parte,* hija sejra tadotta l-perċentwali globali ta' sitta fil-mija (6%) bħala debilità sħiħa li qiegħed iġorr l-attur u li sejra tibqa' miegħu tul ħajtu;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi**, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' wieħed u

[60] Ara, b'eżempju, Maġ (Għ) PC **13.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Grech et vs Joseph Portelli et*** (mhix appellata)
[61] P.A. AE **18.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Ryan Barbara et vs Pavin Ltd.*** (mhix appellata)
[62] Ara A.L. 126 tal-1992 kif emendata (L.S. 452.71)
[63] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**30.5.2014**)
[64] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annuzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[65] Ara fost oħrajn, P.A. JSP **30.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Martin Spagnol*** u App Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe***

għoxrin elf seba' mija u sitta u sebgħin euro (€21,776)[66], li minnha jrid jitnaqqas kwart ($^1/_4$) minħabba li l-Qorti sabet li l-attur kkontribwixxa għad-danni bl-imġiba tiegħu stess[67]. Dan iwassal għal likwidazzjoni tad-danni dovuti lill-attur fis-somma ta' sittax-il elf tliet mija u tnejn u tletin euro (€ 16,332);

Illi l-attur qiegħed jitlob ukoll il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata. Minbarra li din hija kawża ta' likwidazzjoni ta' danni, l-attur ma ressaq ebda prova li turi li huwa interpella għall-ħlas lill-imħarrkin qabel fetaħ din il-kawża. Lanqas ma wera li kien ressaq lill-imħarrkin jew lil min minnhom pretensjoni li b'xi mod kienet turi kemm kellu f'moħħu li jistħoqqlu kumpens, jew li hemm xi raġuni tajba biex din il-Qorti tmur kontra r-regola li *in illiquidis non fit mora*. Għaldaqstant din it-talba tal-attur għall-ħlas tal-imgħaxijiet tista' tintlaqa' biss b'seħħ millum;

Illi għall-finijiet tat-**tielet talba attriċi**, ladarba l-Qorti qieset li l-imħarrek Żammit jaħti għal kwart ($^1/_4$) u KMIC taħti għan-nofs ($^1/_2$) tad-danni mġarrba mill-attur, il-Qorti sejra tikkundanna lill-imħarrek Żammit iħallas lill-attur ħamest elef erba' mija u erbgħa u erbgħin euro (€ 5,444) flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; filwaqt li sejra tikkundanna lil KMIC tħallas lill-attur is-somma ta' għaxart elef tmien mija u tmienja u tmenin euro (€ 10,888) flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Josef Żammit u issib li huwa l-leġittimu kontradittur tal-pretensjonijiet attriċi f'din il-kawża;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** parzjalment u ssib li l-imħarrkin jaħtu bejniethom għal tliet kwarti ($^3/_4$) mid-danni mġarrba mill-attur bħala riżultat tal-inċident li seħħ nhar is-7 ta' Awwissu, 2012, ġewwa Montekristo Estates Ħal Farruġ, fil-limiti ta' Ħal Luqa, filwaqt li l-attur jaħti għall-kwart ($^1/_4$) l-ieħor minħabba l-kontributorjetà għal dak li ġralu;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi,** u ssib li d-danni jikkonsistu f'danni ta' natura personali u tillikwida tali danni fis-somma ta' sittax-il elf tliet mija u tnejn u tletin euro (€16,332);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi,** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-attur is-somma ta' għaxart elef tmien mija u tmienja u tmenin euro (€

66 €11,700 x 33 x 0.06 x 0.94= €21,776
67 €21,776 ÷ 4 = €5,444

10,888) flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u lill-imħarrek Żammit li jħallas lill-attur is-somma ta' ħamest elef erba' mija u erbgħa u erbgħin euro (€ 5,444) flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-kumpannija mħarrka MKIC Limited u ta' l-imħarrek Josef Żammit; u

**Tordna** l-kumpannija mħarrka tħallas nofs ($^1/_2$) **l-ispejjeż tal-kawża** filwaqt li l-attur u l-imħarrek Żammit iħallsu kwart ($^1/_4$) kull wieħed.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**10 ta' Ottubru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**10 ta' Ottubru, 2019**